MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 218/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Silvio Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Silvio Camilleri talli:

(1) F'tas-Sliema nhar-is 16 ta' Lulju 2004 bejn nofs il-lejl u t-8.00 ta' filghodu, ikkommetta serq ta' flus, birra u xorb alkoholiku mill-istabbiliment Ta' Kolina Restaurant, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u bil-valur, liema valur huwa ta' aktar minn Lm1000;

(2) Fl-istess data, hin u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibighhom jew imexxihom;

(3) Irrenda ruhu recidiv ghal sentenza li giet definittivament deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Mejju 2001;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Silvio Camilleri hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta’ ghoxrin xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Silvio Camilleri ipprezentat fil-5 ta' Lulju 2005 u li permezz tieghu talab li din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn instab hati u tilliberah mit-tieni imputazzjoni u billi tbiddel il-piena u timponi piena anqas u li tkun aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza l-fedina penali aggornata ta' l-appellant;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena nflitta mill-Ewwel Qorti wara li fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2005 l-appellant (allura imputat) irregistra ammissjoni u gie prodott biex jixhed l-ufficjal tal-probation John Testa.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tippref iggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din

il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Fir-rikors ta' appell tieghu, l-appellant jelenka bhala ragunijiet attenwanti: (1) l-ammissjoni bikrija tieghu u (2) n-nuqqas ta' l-ewwel Qorti li tilliberah mill-imputazzjoni ta' ricettazzjoni.

Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. F'dan il-kaz insibu li, wara li l-appellant kien gie interrogat mill-Pulizija u cahad l-involviment tieghu (ara stqarrija a fol. 14 tas-16 ta' Lulju 2004), fi stqarrija sussegwenti ta' l-20 ta' Lulju 2004 (a fol. 15) ammetta li kien hu li seraq ix-xorb u flus in kwistjoni mir-restaurant fejn huwa stess kien jahdem. Qal ukoll li dan ghamlu minhabba l-vizzju tad-droga li ghandu u li jixtieq jehles minnu. Naturalment il-fatt li l-appellant ghandu l-vizzju tad-droga mhijiex gustifikazzjoni li jisraq u l-ammissjoni tieghu mal-Pulizija difficilment setghet thallilu triq ohra hlief li jammetti wkoll fil-Qorti. Din il-Qorti tqis ukoll li r-reat ta' serq huwa reat serju li ma jistax jigi trattat b'mod legger.

Issa m'hemmx dubju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' sew fil-parametri tal-ligi, anzi jista' jitqies li hija fil-*minimum* possibbli. Ir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur li jeccedi l-Lm1,000 proprjament igorr mieghu piena ta' bejn tlettax-il xahar u seba' snin mizjuda bi grad skond l-artikolu 280 tal-Kodici Kriminali. Jigifieri l-*minimum* huwa ta' tmintax-il xahar prigunerija (li, b'zieda ta' grad minhabba r-recidiva jfisser li l-piena kellha titla' ghal *minimum* ta' sentejn prigunerija). Mis-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti, <u>a beneficcju ta' l-appellant</u>, ma applikatx l-artikolu 280 u ghalhekk jidher li l-parametri li uzat kienu dawk fl-artikolu 278, cioe` ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin mizjuda bi grad u liema piena ma tinghatax fil-*minimum* taghha. Jigifieri l-piena ghandu

dejjem ikun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*, f'dan il-kaz ghall-anqas tlettax-il xahar u ghoxrin gurnata.

L-appellant ammetta wkoll li hu recidiv u fil-fatt mill-fedina penali tieghu jirrizulta li fit-3 ta' Mejju 2001 gie kkundannat ghal ghoxrin xahar prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200) fuq pussess u traffikar ta' eroina, raza' tal-cannabis u medicina specifikata u psikotropika. Dan ifisser li l-Qorti tista' zzid il-piena bi grad, u hekk jidher li ghamlet l-ewwel Qorti.

Kwantu ghat-tieni aggravju, minn ezami tas-sentenza appellata huwa evidenti li l-ewwel Qorti, nonostante d-dikjarazzjoni taghha ta' htija ta' l-appellant dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ma ghamlitx referenza ghall-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, cioe` l-artikolu li jirrigwarda r-reat ta' ricettazzjoni, u fis-sentenza taghha ma qisietx din l-imputazzjoni indipendentement minn dik ta' serq. Billi m'hemmx dubju li din l-imputazzjoni nghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel wahda, ghal kull bwon fini din il-Qorti sejra tilliberah minnha.

F'dawn ic-cirkostanzi, fejn jirrizulta li l-piena li applikat l-ewwel Qorti kienet, tista' tghid, l-anqas possibbli, ma jidhirx li hemm ragunijiet bizzejjed li jistghu jwasslu lil din il-Qorti biex tirriduci l-piena aktar. Izda se taghti l-provvediment opportun minhabba l-problema li l-appellant stess qal li ghandu ta' abbuz ta' droga.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata filwaqt li ghal kull bwon fini tiddikjarah mhux hati tat-tieni imputazzjoni (dik ta' ricettazzjoni) u minnha tilliberah. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jiehu l-passi kollha mehtiega immedjati biex l-appellant ikun jista' jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-abbuz tad-droga. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata minnufih lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------